Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 470 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Robert Vella

Vs

Alfred Scicluna

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alfred Scicluna detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 446170 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 ta' Gunju, 2011 gewwa l-lokalita' tal-Hamrun ghall-habta tal-11.24 ta' filghodu:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' David Borg u / jew ta' persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa ta' aktar minn mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha w disghin centezmu ( € 232.94 ) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu ( € 2329.37 );

2. U aktar talli meta sab hwejjeg li kienu naqsu lil xi persuna jew li din kienet tilfet, ma gharrafx bihom, fi zmien tlitt ijiem lill-Pulizija Esekuttiva;

3. U aktar talli talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b' sentenza moghotija lilu fid-19 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.;

4. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. S. Demicoli LL.D) b' sentenza moghtija nhar it-23 ta' Settembru 2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

5. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ohra mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. S. Demicoli LL.D) b' sentenza moghtija nhar it-23 ta' Settembru 2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

6. U aktar talli talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghotija lilu fit-13 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. L. Quintano LL.D) b' sentenza moghtija nhar il-11 ta' Frar 2009 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 17, 18, 28 A, 28 B, 28 C u 28 F, 49, 50, 261 (c), 267, 279 u 533 tal-Kapitolu 9 u

Artikolu 21 (2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta' **disa' xhur (9) prigunerija** u dan stante li l-imputat huwa ricediv u li kiser liberta' kkondizzjonata[1] ghal reat li minn dakinnhar sallum kien depenalizzat[2] .

Rigward it-tielet (3), raba' (4), hames (5), sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet il-Qorti se tipprovdi kif gej:

Rigward l-imputazzjoni erbgha (4) u hamsa (5)[3] l-Qorti ordnat li s-sentenza fuq citata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta' Settembru 2010 fejn l-imputat gie ikkundannat tliet (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ssir operattiva u t-**tliet (3) xhur prigunerija** jigu in effett immedjatament.

Rigward is-seba' (7) imputazzjoni l-Qorti ordnat li s-sentenza fuq citata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Frar 2009 fejn l-imputat gie ikkundannat disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin ssir operattiva u d-**disa' (9) xhur prigunerija** jigu in effett immedjatament.

Ghalhekk bil-piena moghtija ghar-reat li nstab hati ghalih illum u z-zewg sentenzi sospizi li dahlu b' effett il-hati rrid jaghmel b' kollox **wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija**.

Rigward l-imputazzjoni sitta (6) stante li l-imputat kiser ordni ta' Probation, kif jipprovdi Artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta kien ikkundannat mitejn Ewro ( € 200 ) ammenda.

Inoltre wara li rat Artikolu 24 tal-Kap 446 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien sitt xhur minn meta jiskonta s-sentenza ta' prigunerija jhallas is-somma ta'

[1] Moghtija fid-19 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)
[2] Att 1/2015 Kap 535 l-**Att dwar Dipendenza fuq id-Droga**
[3] Fil-process hemm esebita' biss sentenza wahda li nghatat f'dik id-data (DOK RV 13 *a fol.* 88)

mija u hamsin Ewro ( € 150 ) lil David Borg, bilanc li ghad ghandu jaghti mis-somma misruqa.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f' dawn il-proceduri, astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Scicluna, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tvarja sentenza appellata billi tikkonfemaha fis-sejbien tal-htija pero tikkancellaha f' dik il-parti fejn giet erogata il-piena u minflok taghti piena aktar ekwa fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Alfred Scicluna hu car u manifest u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f' dan li gej:

Illi l-piena erogata minn l-ewwel Qorti tal-Magistrati kienet wahda eccessiva u esagerata fic-cirkostanzi tal-kaz u dan stante li.

Illi l-appellant ikkopera bis-shih mal-Pulizija u fil-fatt huwa ammetta maghhom l-imputazzjonijiet li kien ha l-flus mill-cash register. Dan jirrizulta minn l-istqarrija tieghu esebita mill-istqarrija tal-appellant.

Illi apparti dan l-appellant kien hallas dak li hu kien ha, fatt li l-Qorti jidher li skartat kompletament. Fil-fat huwa kien ghadda mitt euro lill-ufficjal prosekutur u l-kumplament lill-avukat difensur tieghu. Jidher pero li l-avukat difensur tieghu ghal xi raguni ma kienx ghadda dawn il-flus lill-vittma.

Illi l-Qorti kienet ordnat Social Inquiry Report liema rapport sar bir-rakkomandazzjanojiet tieghu. Ir-rapport jghid car li l-appellant kellu tliet vizzji li llum huwa kwazi jinsab hieles minnhom.

Ta' min jghid ukoll li madwar sentejn u nofs ilu il-familja ta' l-appellant soffriet telfa kbira meta tifel kbira taghhom ta' 16 il-sena gie nieqes hesrem.

L-appellant jsostni li llum il-gurnata li hu jinsab determinat li ma jmurx lura ghal hajja ta' qabel, l-iktar propju minhabba ibnu.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna biss l-piena inflitta fuq l-appellanti u dan ghar-reati lilu addebitati. Jishaq illi l-piena ta' prigunerija effettiva kienet wahda harxa u dan billi fl-ewwel lok illum huwa ghandu hajja stabbli u allura perijodu ta' inkarcerazzjoni jkun ta' hsara ghalih u ukoll l-flus mehuda minnu indebitament thallsu lura lill-parti leza.
Issa minn ezami ta'l-atti u b'mod specjali tas-social enquiry report imhejji quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta illi l-appellanti huwa afflitt minn diversi vizzji senjatament dawk tad-droga, ix-xorb u tal-loghob ta'l-azzard u dan meta huwa missier u qed irabbi familja. Jirrizulta ukoll illi ghal snin twal l-appellanti inghata diversi opportunitajiet biex jipprova johrog minn dawn il-vizzji, izda minghajr success, u dan kif rifless ukoll mill-fedina penali tieghu li hija wahda voluminuza u tirrisali ghas-sena 1990 meta jidher illi l-appellanti kien diga afflitt mill-problema tad-droga.

L-ikbar problema izda li ippreokkupat lill-Ewwel Qorti tinsab fil-fatt illi l-appellanti jidher illi ma kienx qed juri interess illi jindirizza dawn il-problemi kbar li dejjem hadu s-soppravvent f'hajjtu. Dan jidher car kif inghad mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation addett mal-appellanti, Saviour Lia esebiet in atti. Jidher izda illi f'dan l-ahhar zmien sar xi progress minn naha tieghu, x'aktarx ghaliex illum ghandu piena kercerarja imdendla fuq rasu. Illi din il-

Qorti semghet lill-Antonella Debono Ufficjal tal-Probation li issa qed issewgi lill-appellanti fejn stqarret hekk:
"Ilni nsegwi lil Alfred Scicluna minn Marzu ta' din is-sena wara li l-kaz gie trasferit ghandi minghand kollega. Alfred qed jigi segwit fuq Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn u Ordni ta' Servizz fil-Kommunita' ghal tmenin siegha. Nista' nghid li jattendi b'mod regolari ghall-appuntamenti gewwa d-dipartiment taghna. Hu jinsab ingaggat f'impjieg regolarizzat fejn jahdem gewwa forn liema mpjieg ilu jokkupa minn Ottubru 2015. Fir-rigward tal-Ordni ta' Servizz fil-Kommunita' huwa lesta hamsin siegha minn tmenin siegha fejn ghamel xoghol gewwa l-Iscouts tal-Hamrun. Huwa qed jigi segwit minhabba problema ta' droga minn Dr.Tonna minn naha tad-Detox fejn minn kuntatt li sar ma' Dr.Tonna fi kliemu stess isostni li jidher issetiljat. Kemm testijiet ta'l-urina li ttiehdu kemm god-dipartiment taghna u anki gewwa d-Detox irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Fix-xhur li gejjin hu ser jigi segwit minn psikologa fi hdan id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole sabiex jigi mghejjun fir-rigward tal-problema tal-loghob ta' l-azzard, xi haga li anki hass huwa stess. Il-pjan segwenti Sinjura Imhallef huwa li Alfred izomm stabbilita' fil-hajja tieghu billi jghix hajja produttiva u jzomm 'il boghod mill-vizzji kemm jista' jkun."

Illi ghalkemm huwa minnu illi f'dawn l-ahhar xhur l-appellanti wera ix-xewqa li jibda pjan ta' kura ghall-problemi illi ghandu, madanakollu il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi huwa gie misjub hati li ikkometta ir-reati lilu addebitati f'dina l-istanza waqt il-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi oltre ghal fatt illi huwa plurimu recidiv. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tara kif l-appellanti jista' jevita piena karcerarja effettiva meta inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu izda dawn l-opportunitajiet ma gharafx jahtafhom u qed juri din il-volonta biss issa meta kif inghad qed jiffaccja terminu ta' inkarcerazzjoni. Xhieda ta' dan hija l-fedina penali tieghu piuttost voluminuza.

Illi din il-Qorti tqies illi illum ghandha idejha marbuta u ma tarax illi legalment huwa jista' jinghata piena ohra alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva. Illi l-appellanti huwa recidiv, diga inharrgu Ordnijiet ta' Probation u ukoll ta' Servizz fil-Komunita tant illi l-Qorti ma tistax igebbed il-ligi bhall-lasktu u jerga' jinghata sentenza sospiza ohra jew xi ordni fil-komunita. Fuq kollox fiz-zmien ta' inkarcerazzjoni jekk verament ghandu volonta li jirriforma ruhu l-appellanti jista' jibbenfika mill-ghajnuna li tinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin lil dawk il-persuni li jkunu afflitti mill-problemi ta' vizzji. Dan ghaliex jidher illi jekk din id-decizjoni tithalla fil-gudizzju liberu ta'l-appellanti, kif sehh meta huwa inghata diversi sanzjonijiet alternattivi ghal dik ta'piena restrittiv tal-liberta, huwa baqa xortawahda jerga' jaqa' fil-hajja tal-vizzji u tad-delinkwenza.

Il-Qorti kellha opportunita tara kif f'iktar minn kaz wiehed persuni detenuti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jistghu bl-ghajnuna u l-programmi li jigu offerti fil-habs, ghal min igharaf jahtaf dina l-opportunita, jirriformaw hajjithom xortawahda ghalkemm jinsabu detenuti

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

Tordna notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur